MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-21 ta' Ġunju, 2018

Rikors Maħluf Numru 13/2015 LM

**Miksons Transport Company Limited (C 22860) u George Micallef detentur tal-karta tal-identità numerata 622158M eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Tom-Mix Transport**

***vs.***

**Anthony Stivala detentur tal-karta tal-identità numerata 53784M u Anthony Stivala Company Limited (C 61073)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-8 ta' Jannar, 2015 mill-atturi **Miksons Transport Company Limited (C 22860)** u **George Micallef eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Tom-Mix Transport,** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn George Micallef (K.I. Numru 622158M), li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrenti jiġġestixxu flimkien attività kummerċjali konsistenti fost l-oħrajn f'ġarr, immaniġġjar, u trasport permezz tat-trakkijiet tagħhom, minn u lejn il-portijiet f'Malta u bnadi oħra, kif ukoll ħażna ta' merkanzija skont l-istruzzjonijiet li jingħataw mill-klijenti tagħhom minn żmien għal żmien.*

2. *Illi b'inkarigu tal-intimat Anthony Stivala li dejjem ippreżenta ruħu personalment mir-rikorrenti bħala waste broker, ir-rikorrenti pprestaw servizzi konsistenti f'tagħbija, ħażna u ġarr/trasport ta' kwantità ta' ħġieġ imkisser li ġie mgħobbi ġo containers, u dan mill-premises tas-soċjetà Wasteserv Malta Limited lejn il-premises tas-soċjetà rikorrenti fejn ġie maħżun temporanjament, u imbagħad trasportat lejn il-Malta Freeport, biex il-containers imbagħad tgħabbew għal fuq bastiment li kien hemm sorġut u li kellu jittrasporta l-containers biex il-ħġieġ jiġi eventwalment riċiklat. Wara li r-rikorrenti ppreżentaw ittra uffiċjali kontra l-intimat, hu wieġeb li ma huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, u għalhekk minn riċerka li saret mir-rikorrenti wara li rat din ir-risposta, jirriżulta li l-liċenzja/permess ta' waste broker tgħajjat lis-soċjetà intimata, li hi soċjetà tal-istess intimat, u li għalhekk qed tiġi ċitata wkoll in ġudizzju.*

3. *Illi sabiex iwettqu dan l-inkarigu mogħti lilhom mill-intimat/i jew min minnhom, ir-rikorrenti inkorrew diversi spejjeż fosthom ħlasijiet ta' tariffi tal-Awtorità dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ħlasijiet ta' tariffi tal-Port, ħlasijiet ta' servizzi reżi mis-soċjetà Polidano Group li tat servizz biex il-ħġieġ jiġi mgħobbi mill-Wasteserv għal ġewwa l-containers, u kif ukoll miżati/ħlasijiet li kienu dovuti u tħallsu lis-soċjetà Malta Freeport u/jew CMA CGM (Malta) Limited.*

4. *Illi għalkemm l-intimat/i kienu qed jaġixxu fil-vesti ta' waste broker, jirriżulta li r-rikorrenti ma ridux iwettqu l-inkarigu li kien qed jiġi propost li jingħata lilhom mill-intimat/i u dan minħabba li ma ridux jafdaw lill-enti Tajlandiża li mingħandha suppost li kellu jasal il-pagament għas-servizz mitlub minnhom mingħand l-intimat/i. Ir-rikorrenti kellhom biżgħa li ma kinux ser jiġu mħallsa jekk jipprestaw is-servizzi tagħhom u jiżburżjaw l-ispejjeż qabel jirċievu pagament sħiħ, u ma ridux jinkorru dan is-sogru.*

5. *Illi kien għalhekk li r-rikorrenti għarrfu lill-intimat/i li ma kinux disposti joffru s-servizz tagħhom anke billi dan kien jinvolvi li minn buthom joħorġu eluf ta' Euro f'miżati / ħlasijiet li riedu jitħallsu lil terzi kif deskritt fit-tielet premessa, u għalhekk irrifjutaw li jagħtu s-servizz tagħhom.*

6. *Illi iżda l-intimat Anthony Stivala għarraf u wiegħed lir-rikorrenti li kien ser jagħmel tajjeb hu għall-pagament dovut lir-rikorrenti jekk il-ħlas dovut ma kienx ser jasal minn barra mingħand l-enti Tajlandiża, u għalhekk talab lir-rikorrenti biex jagħtu s-servizz tagħhom qabel jirċievu l-ħlas. Kien wara li ngħataw din il-garanzija u biss in*

*vista tal-fatt li l-intimat iddikjara li kien qed jagħmel tajjeb hu għall-ħlas dovut lilhom, li r-rikorrenti aċċettaw li jagħtu s-servizz tagħhom, li fil-fatt imbagħad ingħata skont kif mitlub mill-intimat/i.*

7. *Illi l-ħlas dovut lir-rikorrenti għal dawn is-servizzi reżi u għall-ispejjeż inkorsi jammonta għas-somma komplessiva ta' ħmistax-il elf, tliet mija u tliet Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€15,303.32), u dan skont prospett dettaljat li ser jiġi esebit flimkien mad-depożizzjoni tal-atturi f'din il-kawża. Il-ħlas li kellu jiġi riċevut mill-enti Tajlandiża ma wasalx u ma hemm ebda tama li din l-enti ser qatt teffettwa xi pagament.*

8. *Illi minkejja diversi wegħdiet min-naħa tal-intimat/i li ser iħallas/iħallsu dak dovut lir-rikorrenti u reklamat f'din il-kawża, u minkejja li l-intimat ġie interpellat sabiex iħallas dak kollu dovut permezz ta' ittra uffiċjali eżekuttiva datata dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) bin-numru 181/2014 hawn annessa u mmarkata bħala 'Dokument 'A', il-ħlas baqa' ma sarx, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Jgħidu għalhekk l-intimat/i għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, għar-raġunijiet suesposti:*

1) *Tiddikjara illi l-intimati għandhom flimkien u solidalment, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' ħmistax-il elf, tliet mija u tliet Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€15,303.32).*

2) *Tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u solidalment jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' ħmistax-il elf, tliet mija u tliet Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€15,303.32).*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva intavolata skont il-provvedimenti tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mir-rikorrenti fid-19 ta' Settembru, 2014 kontra l-intimat, u li għaliha ġiet ippreżentata risposta mill-intimat (Dokumenti A u B), u bl-imgħax legali dekorribbli b'effett mid-data tal-ittra uffiċjali msemmija, kontra l-intimat minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Anthony Stivala** u **Anthony Stivala Company Limited** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Mejju, 2015, u maħlufa minn Anthony Stivala stess, li biha eċċepixxa:

*1. Illi fil-mertu, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, inklużi dawk tar-risposta tat-2 ta' Ottubru, 2014 kontra l-istess rikorrenti, stante illi l-intimati mhumiex il-leġittimi kontradditturi kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*2. Illi ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn l-intimati u u r-rikorrenti, kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt il-kawża.*

*3. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti dwar servizzi ta' tagħbija, ħażna u ġarr/trasport ta' ħġieġ imkisser ġew reżi mhux a favur tal-intimati, kif qed jiġi allegat iżda a favur ta' entità Tajlandiża bl-isem Tishtom Alcosteel Recycling Co. Ltd.*

*4. Illi l-ebda wieħed mill-esponenti ma wiegħed li kien ser jagħmel tajjeb għal xi pagament dovut lir-rikorrenti minn terzi, kif qed jiġi allegat minnhom.*

*5. Illi r-rwol tas-soċjetà intimata li tagħha Anthony Stivala huwa direttur, kien dejjem limitat għall-prestazzjoni ta' servizz ta' "waste broker" fejn kienet tagħmel l-offerti tagħha lill-kumpannija WasteServ Malta Limited għax-xiri ta' ħġieġ imkisser u materjal ieħor, u għal liema servizz is-soċjetà intimata munita b'liċenzja maħruġa mill-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Wara li kienet tixtri l-konsenja, is-soċjetà intimata kienet toffri l-istess konsenja għall-bejgħ lil Tishtom Alcosteel Recycling Co. Ltd., li kienet imbagħad tħallasha l-kummissjoni tagħha bbażata fuq it-toqol ta' kull konsenja u liema xiri kien dejjem isir fuq bażi ta' "ex works". Għaldaqstant, l-esponenti qatt ma offra li jagħmel tajjeb għal xi spejjeż in konnessjoni ma' dan is-servizz ta' ġarr kif allegat mir-rikorrenti.*

*6. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti illi "ma ridux jafdaw lil enti Tajlandiża" mhumiex verosimili, stante illi r-rikorrenti kienu ġia pprestaw l-istess servizz lil Tishtom Alcosteel Recycling preċedentement bil-ħażna u l-ġarr ta' għexieren ta' konsenji ta' ħġieġ imkisser, aluminium, kartun, ferrous scrap metal li flimkien jammontaw għal eluf ta' tunnellati, u kienet dejjem l-enti Tishtom Alcosteel Recycling Co Ltd illi kienet tirċievi l-kont u li kienet tħallashom direttament ta' dan is-servizz, kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in subsidium, ir-rikorrenti jgħidu illi 'ma hemm l-ebda tama li l-enti ser qatt taffettwa l-pagamenti' iżda ma jispjegawx x'azzjonijiet ħadu biex jittentaw jiġbru l-ammont reklamat minnhom mingħand Tishtom Alcosteel Recycling;*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u in subsidium, ir-rikorrenti jridu jippruvaw dak reklamat minnhom;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-atturi f'din il-kawża qegħdin jipproċedu sabiex jittentaw jirkupraw l-ammont ta' ħmistax-il elf, tliet mija u tliet Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€15,303.32), li huma jgħidu li huma dovuti lilhom b'rabta ma' servizzi ta' tagħbija, ħażna u ġarr ta' merkanzija mill-impjant tal-WasteServe lejn il-Freeport. L-atturi huma burdnara, u l-intimat Anthony Stivala u s-soċjetà konvenuta għandhom liċenzja ta' *waste brokers,* li permezz tagħha huma jixtru materjal mingħand il-WasteServe għar-riċiklaġġ u jbiegħuh lil terzi, f'dan il-każ lis-soċjetà Tishtom Alcosteel Recycling Company Limited, li mingħandha l-konvenuti jieħdu *commission* tas-servizzi tagħhom, mill-mument li fih jinħareġ it-*tender* mill-

WasteServe għax-xiri tal-iskart, sal-mument li dan jiġi ttrasportat lejn it-Tajlandja, minn fejn topera s-soċjetà Tishtom Alcosteel Recycling Company Limited. L-atturi jgħidu li l-parti l-kbira tal-flus li qegħdin jippruvaw jirkupraw huma flus li huma diġà ħallsu bħala tariffi u spejjeż lill-MEPA, lil terzi li ssuplixxew il-*crane,* lill-Malta Freeport u spejjeż oħra inkorsi sabiex huma setgħu jaqdu l-inkarigu mogħti lilhom. L-atturi pproċedew kontra l-konvenuti minħabba li huma jgħidu li s-servizzi ta' tagħbija tal-merkanzija u l-ġarr tagħha mill-WasteServe lejn il-Malta Freeport, ingħataw lill-konvenuti, għalkemm jirrikonoxxu li d-destinatarja aħħarija tal-materjal li ġie esportat kienet il-kumpannija Tajlandiża bl-isem ta' Tishtom Alcosteel Recycling Company Limited. L-atturi jallegaw ukoll li l-konvenuti kienu wegħduhom li ser jagħmlu tajjeb huma f'każ li l-enti Tajlandiża tonqos milli tonora l-obbligi tagħha ta' ħlas, u li minkejja li kellhom esperjenza fejn il-pagament mingħand l-enti Tajlandiża wasal tard u wara ħafna taħbit, huma kkonvinċew ruħhom li għandhom jerġgħu jipprestaw is-servizzi tagħhom lill-konvenuti bl-intiża li x-xogħol jasal għand l-enti Tajlandiża wara li l-konvenuti allegatament iggarantew li ser jagħmlu tajjeb huma għall-ħlasijiet dovuti. L-atturi jgħidu li kienet din l-unika raġuni għalfejn huma komplew jipprestaw is-servizzi tagħhom minkejja l-ispejjeż konsiderevoli li kellhom jagħmlu tajjeb għalihom huma inizjalment. Il-kawża odjerna nfetħet sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti għandhom iħallsu l-ammont dovut lill-atturi.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom wieġbu li huma mhumiex leġittimi kontradditturi, u li huma sempliċiment aġixxew bħala *waste brokers* li tqabbdu mis-soċjetà Tajlandiża biex jissorveljaw il-proċess tal-esportazzjoni tal-materjal destinat għar-riċiklaġġ, mill-mument li fih il-WasteServe ħarġet it-*tender* għax-xiri ta' dan il-materjal, sal-mument li fih dan tgħabba fuq *container* u nġarr lejn

il-Malta Freeport sabiex jiġi esportat. Għal din il-biċċa xogħol, il-konvenut u s-soċjetà konvenuta kienu jieħdu *commission.* Il-konvenuti jiċħdu li b'xi mod huma ggarantew il-ħlas tal-ammont dovut mill-enti Tajlandiża, jew li huma kienu ser jagħmlu tajjeb għal xi ħlas dovut lill-atturi minn terzi.

**Provi u riżultanzi**

Il-Qorti qieset l-ittra uffiċjali mibgħuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 bid-data tad-19 ta' Settembru, 2014[1], li permezz tagħha Anthony Stivala ġie interpellat iħallas l-ammont ta' €15,303.32 lil Miksons Transport Company Limited u lil George Micallef eżerċenti l-kummerċ f'isem Tom-Mix Transport, u r-risposta ta' Anthony Stivala fejn irrespinġa t-talbiet tas-soċjetà attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu qatt ma inkariga s-servizzi ta' xi wieħed mill-atturi.

Il-konvenut **Anthony Stivala**[2] xehed in subizzjoni fl-udjenza tad-29 ta' Settembru, 2015, fejn hu ġie muri żewġ *emails,* waħda bid-data tat-18 ta' Ġunju, 2014[3], u oħra bid-data tat-30 ta' Ġunju, 2014[4], l-ewwel waħda bejnu u 'Titu' mis-soċjetà Tajlandiża li kienet id-destinatarja tal-materjal esportat, u l-oħra bejnu u Frankie Zammit, li ntbagħtet wara li saret il-kunsinna tal-materjal u l-pagament min-naħa ta' 'Titu' baqa' ma sarx, fejn Anthony Stivala kiteb hekk:

---

[1] *A fol.* 6.
[2] *A fol.* 35 sa 38.
[3] *A fol.* 48.
[4] *A fol.* 49.

> *"I'm more shocked than ever by Titus' actions, this is not normal. I totally agree. I have sent over 20 emails and not a reply – missed calls. This is extremely not fair. I had a family discussion as I'm under a lot of stress cause of this matter .. You will get your payment as you did your job!! I will make sure of that... Let's pray (in a) few days I get some sort of reply, otherwise I will have no choice (but) to take legal action against this company.. I swear not even if he pays in advance now, I will never help him .. I will focus on this Ali guy."*

Mistoqsi in kontroeżami, l-konvenut Anthony Stivala wieġeb li 'Titu' mis-soċjetà Tajlandiża Tishtom Alcosteel Recycling Company Limited, kien jikkomunika ma' Miksons Transport Co. Ltd b'mod dirett fir-rigward tal-ftehim li kien hemm bżonn isir dwar it-trasportazzjoni tal-materjal u s-servizzi offruti mis-soċjetà attriċi. Il-konvenut ikkonferma li l-isem proprju ta' dan 'Titu', kif inhu magħruf bejn il-partijiet, hu Ratandra Barbua u li għandu kumpannija fit-Tajlandja bl-isem ta' Tishtom Alcosteel Recycling Co Ltd, u li din il-kumpannija kienet ilha tuża s-servizzi ta' Miksons Transport Co. Ltd għal diversi snin qabel daħal il-konvenut fix-xena. Il-konvenut qal li hu daħal sabiex ikun jista' jissorvelja x-xogħol f'isem 'Titu', jixtri l-materjal, jara li jitgħabba, u finalment jirċievi *commission* għall-inkarigu tiegħu. Hu qal li Miksons Transport Co. Ltd kienu involuti biex jittrasportaw il-materjal.

Fl-udjenza tad-29 ta' Settembru, 2015, xehed **Frank Zammit**[5], in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi li kkonferma li hu wieħed mid-diretturi tas-soċjetà Miksons Transport Company Limited. Hu spjega lill-Qorti l-mod kif żvolġiet ir-relazzjoni tiegħu mal-konvenut,

> "Biex forsi nibda mill-bidu nett, lil Anthony Stivala direttament lanqas biss kont nafu qabel. Ġie għandi through kumpannija oħra li hija Tom-Mix. Avviċinani t-

[5] *A fol.* 39 sa 46.

> Tom-Mix għaliex it-Tom-Mix hija kumpannija żgħira u ma setgħetx tilħaq mad-domanda ta' Anthony Stivala għax-xogħol u ġie għandi biex nagħmluha flimkien."

Ix-xhud ikkonferma li l-kumpannija Miksons Transport toffri servizzi ta' trasport, u li huma burdnara liċenzjati. Ix-xhud qal li kien il-konvenut Anthony Stivala li talbu jagħtih ir-rati tal-ħlasijiet dovuti għas-servizzi pprestati, minħabba li kien qed iħoss li min kien qiegħed jagħtih s-servizz qabel kien qed jisirqu. Zammit xehed li hu l-ordnijiet kien jirċevihom mingħand Anthony Stivala, u spjega li n-negozju kien jaħdem billi Anthony Stivala jirċievi ordni minn barra għax-xiri tal-ħġieġ jew ta' materjal ieħor, u Stivala kien iqabbad lis-soċjetajiet attriċi biex jaħdmu t-tunnellati ta' materjal li ried jinġarr mill-WasteServe għall-Malta Freeport għall-esportazzjoni. Ix-xhud ikkonferma li l-ewwel tliet kunsinni li ħadmu bħala kumpanniji, kienu kollha ma' 'Titu' mis-soċjetà Tajlandiża, u li meta ġew għar-raba' kunsinna, Anthony Stivala tahom l-ordni biex imorru għax-xogħol, jgħidilhom x'volum ta' materjal hemm biex jinġarr, u huma jaqdu l-inkarigu. Madanakollu, u minkejja li fl-ewwel tliet biċċiet xogħol li ħadmu, ma kien hemm l-ebda problemi, wara li ħadmu r-raba' biċċa xogħol, ix-xhud qal li damu ħafna biex irċevew il-pagamenti dovuti lilhom. Hu sar jaf mingħand il-konvenut Stivala li dan 'Titu' kien qed jgħid li għandu ħafna problemi, iżda minkejja l-ħafna dewmien jew 'terturi', ir-raba' pagament wasal ukoll għand l-atturi. Ix-xhud ikkonferma li l-*invoices* kienu dejjem joħorġu fuq 'Titu', għalkemm hu żied li dan kien isir fuq struzzjonijiet ta' Anthony Stivala, li qatt ma ried li jiġi *invoiced* hu direttament.

Ix-xhud spjega li wara li kien hemm ir-raba' kunsinna, il-konvenut Anthony Stivala reġa' mar fl-uffiċċji ta' Miksons, u talabhom biex jerġgħu jaħdmu

flimkien mill-ġdid, iżda x-xhud spjega li wara r-raba' okkażjoni fejn il-pagament dam ħafna ma rċevewh, huma kienu infurmaw lill-konvenut li biex jaħdmu riedu l-flus iddepożitati fil-kont l-ewwel. Ix-xhud allega li Stivala kien wieġeb li l-pagament ser jirċevuh żgur, u li dan 'Titu' kien ser iħallas mija fil-mija,

> "... ibdew aħdmu għax wara din għandna tunnellaġġ kbir diġà mixtri u wara din ħa naħdmu konsenja oħra."

Frank Zammit spjega li l-konvenut kien qalilhom li jekk huma ma jaħdmux din l-ordni li kienet waslet, is-soċjetà Tajlandiża ma kinitx ser tkun f'qagħda li tibqa' tixtri l-materjal għar-riċiklaġġ. Ix-xhud ikkonferma li Stivala kien qallu li hu lest li jagħmel garanzija li l-pagament jirċievih żgur, anki permezz ta' arloġġ tal-marka Rolex li kellu fuq idejh. Ix-xhud qal lill-Qorti li hekk kif kellu din il-garanzija bil-fomm li l-ħlas kien ser isir żgur, hu ħass li għandu jibda jaħdem, anki sabiex ma jinkorrix aktar spejjeż għalih billi jżomm il-*containers* għandu, li wara kollox ried iħallas għalihom hu.

Mistoqsi l-ammont pretiż mingħand il-konvenuti x'jirrappreżenta, ix-xhud Frank Zammit wieġeb li l-ammont ta' aktar minn ħmistax-il elf Euro mhumiex kollha profitti, iżda aktar minn tliet kwarti minnhom huma spejjeż, Freeport *charges*, MEPA *charges*, *agent charges*. Ix-xhud ikkonferma li l-ammont dovut lill-atturi baqa' ma tħallas qatt, lanqas f'parti minnu.

Mistoqsi in kontroeżami, ix-xhud ikkonferma li s-servizz kien għal 'Titu', però s-soċjetajiet attriċi l-ordni ma kinux jeħduha mingħandu, iżda mingħand il-konvenut Stivala. Hu kkonferma wkoll li l-*invoices* kienu joħorġu lil 'Titu' u li l-ħlasijiet kienu jsiru minn 'Titu' wkoll, għalkemm kien ikun hemm struzzjonijiet mingħand Anthony Stivala dwar dan.

Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2016, xehed **Jesmond Micallef**[6], iben l-attur George Micallef, li jaħdem bħala burdnar, u li kkonferma li bħala burdnara huma kienu bnew relazzjoni mas-soċjetà attriċi l-oħra Miksons Transport Co. Ltd, minħabba li meta huma ma kinux ilaħħqu mad-domanda ta' xogħol li kien ikollhom, dawn kienu jtuhom daqqa t'id fix-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li Anthony Stivala kien qallu li x-xogħol jikkonsisti f'li jitgħabba l-materjal mill-WasteServe sabiex jiġi esportat. Ix-xhud ikkonferma li l-ħlasijiet dejjem waslu mingħand 'Titu', u li għall-ewwel tliet biċċiet xogħol il-pagamenti waslu mingħajr problemi. Iżda meta ġew għar-raba' biċċa xogħol damu ma tħallsu minħabba li 'Titu' qal li kellu ommu ma tiflaħx. Ix-xhud qal li l-konvenut Anthony Stivala kien jgħidlu biex jekk ma jirċevix il-flus, ma jaħdimx, u li meta ġew għall-ħames biċċa xogħol, hu kien qal lis-soċjetajiet attriċi biex jibdew jaħdmu, għaliex waqt li jaħdmu kienu ser jirċievu l-pagamenti. Jesmond Micallef qal li hu kien wissa lil Frankie Zammit biex ma jaċċettax li jaħdem il-ħames biċċa xogħol, iżda dan tal-aħħar kien qallu li Anthony Stivala kien wiegħed li jekk ma jirċevux il-pagamenti, kien lest li jagħmel tajjeb hu għall-ħlasijiet dovuti.

Mistoqsi in kontroeżami, ix-xhud ikkonferma li hu u missieru għandhom negozju żgħir, u li kieku ma ngħaqdux ma' Miksons Transport Co. Ltd huma ma setgħux ilaħħqu mal-volum ta' xogħol li kellhom waħedhom. Hu qal li Anthony Stivala kien avviċinahom u qalilhom li ma xtaqx ikompli jaħdem ma' kumpannija oħra li kienet qiegħda titolbu ħafna flus għax-xogħol li kien jagħtiha.

[6] *A fol.* 60 sa 66.

Ix-xhud ikkonferma li l-*invoices* kienet toħroġhom is-soċjetà Miksons Transport Co. Ltd, u li hu ma kienx jidher għar-rigward ta' *invoicing*. Hu qal li meta kien jitqabbad jagħmel ix-xogħol minn Palm Shipping, ma kienx ikun jaf id-destinatarju aħħari tax-xogħol min kien ser ikun, jekk hux 'Titu' jew ħaddieħor, għaliex hu kien jaħdem bħala burdnar. Però seta' jikkonferma li l-ordnijiet kienu jeħduhom mingħand il-konvenut Anthony Stivala, filwaqt li l-*invoices* kienu jintbagħtu lil 'Titu'. Jesmond Micallef ikkonferma li minn meta nbdiet il-kawża, l-atturi ma rċevew xejn mill-ħmistax-il elf Euro u fuqhom dovuti lilhom, u li dawn fil-parti l-kbira tagħhom kellhom joħorġuhom huma għaliex kienu tariffi u spejjeż li riedu jitħallsu biex seta' jsir ix-xogħol.

Il-konvenut **Anthony Stivala** fl-*affidavit* tiegħu[7] xehed li huwa sar jaf lil Rathendra Barua, magħruf bħala 'Titu' permezz ta' aġenzija tal-kiri tal-proprjetà li għandu missieru, wara li dan 'Titu' kien jikri proprjetà mingħandhom. Hu qal li maż-żmien sar jaf x'kienet in-natura tan-negozju li kien involut fih dan 'Titu', u li dan kien jakkwista l-iskart mingħand *brokers* lokali li kienu jibagħtulu l-iskart ġewwa t-Tajlandja sabiex hemmhekk ikun jista' jipproċessa l-materjal li kien jakkwista mid-dinja kollha. 'Titu' kien qallu li ma setax jixtri l-iskart b'mod dirett mingħand il-WasteServe hu minħabba li ma kellux liċenzja ta' *broker,* u li kellu bżonn jingaġġa lil xi ħadd hawn Malta biex ikun jista' jissorvelja x-xogħol għalih hu. Kien għalhekk li l-konvenut iddeċieda li japplika għal-liċenzja ta' *waste broker* u li jidħol f'dik il-linja ta' negozju. Il-konvenut  ikkonferma li 'Titu' kien jixtri l-iskart hu mingħand il-*waste broker,* u wara jieħu ħsieb jorganizza t-trasport mill-bini tal-WasteServe sal-Freeport minfejn kien jiġi esportat għat-Tajlandja fejn kien jiġi pproċessat.

[7] *A fol.* 70 sa 72.

Stivala kkonferma li l-arranġament li kellu ma' 'Titu' kien li dan tal-aħħar kien jagħtih struzzjonijiet fl-aħħar ftit sigħat qabel tagħlaq sejħa għall-offerti għax-xiri tal-iskart, u kien jibgħatlu wkoll il-flus biex ikun jista' jħallas għall-materjal li jixtri.

L-arranġament bejn il-partijiet kien li meta sejħa għall-offerti tiġi aġġudikata favur il-konvenut, li kien qiegħed jaġixxi fuq struzzjonijiet ta' 'Titu', hu kien iħallas il-kont li kien jinħareġ mill-WasteServe u dan sabiex il-materjal jitħalla joħroġ mill-bini tal-WasteServe. Hu ċaħad li hu qatt kellu x'jaqsam mal-arranġamenti għat-trasportazzjoni tal-materjal jew li b'xi mod intervjena hu mal-linja tas-*shipping* jew mal-burdnara.

Stivala kkonferma li hu kien iżomm lil 'Titu' infurmat b'dak kollu li kien ikun għaddej hawn Malta, u anki kien jibgħatlu ritratti tal-materjal. Hekk kif il-*container* kien jimtela bil-materjal, dan kien jittieħed mill-burdnara fil-maħżen tagħhom, u meta jasal il-vapur kienu jgħabbuh fuqu għall-esportazzjoni. Il-konvenut ikkonferma li hu kien jinteressah x'kien ikun għaddej minħabba li l-*bill of lading* kien jiġi rilaxxat biss kif jitgħabba l-*container* fuq il-vapur, u f'dak il-punt hu kien jibgħat id-dokumenti kollha lil 'Titu' sabiex dan ikun jista' jieħu pussess tal-materjal hekk kif dan jasal fid-destinazzjoni tiegħu. Malli tasal il-konsenja, Stivala kien jirċievi l-*commission.*

Il-konvenut ikkonferma li hu kien ilu jaf li 'Titu' kien qiegħed juża s-servizzi ta' Miksons Transport Co. Ltd bħala burdnara, tant li kien juża s-servizzi tagħhom minn qabel daħal fix-xena hu. Hu ċaħad li qatt għamel l-arranġamenti għat-trasport jew li kien hu li b'mod dirett ħallas għat-trasport tal-materjal. Il-ħlas kien isir minn 'Titu' direttament lil Miksons Transport permezz ta' *bank*

*transfers*, għalkemm hu jgħid li lilu kienu jżommuh infurmat b'dak li kien għaddej bejniethom.

Il-konvenut ikkonferma li fir-rigward ta' tagħbija partikolari, 'Titu' ma kienx ħallas lil Miksons immedjatament, u li hu beda jirċievi ħafna telefonati mingħand Frank Zammit, wieħed mid-diretturi ta' Miksons Transport, sabiex jagħmillu pressjoni biex jikkomunika ma' 'Titu' u jara li l-flus dovuti jitħallsu. Wara l-aħħar inkarigu, dak li l-ħlas għalih jifforma l-mertu ta' din il-kawża, Stivala qal li hu kien ġabar il-*bills of lading* indirizzati lil 'Titu' wara li l-materjal twassal sal-*container,* u li hu ma jafx x'sar minn din il-konsenja u jekk ġietx rilaxxata favur 'Titu' meta waslet it-Tajlandja. Hu qal li 'Titu', bħal drabi oħra, bagħatlu *scanned image* tal-*application for fund transfer* sabiex jiġi mħallas il-burdnar, iżda hu qal li ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma jekk dan il-pagament wasalx jew le.

Stivala kkonferma li wara li qeda l-aħħar inkarigu, hu ma sema' xejn aktar mingħand 'Titu', tant li tilef kull kuntatt miegħu, u lanqas il-flus tal-*commission* dovuta lilu ma tħallas. Hu qal li la l-*emails* u lanqas it-telefonati li għamel lil 'Titu' ma ġew imwieġba. Wara xi ġranet, rappreżentanti ta' Miksons Transport avviċinaw lil Stivala sabiex jaraw kienx ħa xi forma ta' risposta mingħand 'Titu', u dan minkejja li huma kellhom kull mezz biex jikkuntattjawh. Kien f'dan l-istadju, meta ġie stabbilit li l-partijiet kienu tilfu kull kuntatt ma' din il-persuna, li l-atturi bdew jagħmlu pressjoni fuq Stivala biex iħallashom hu għal dak dovut minn 'Titu'.

Fi kliem il-konvenut:

> "Jien naf illi f'żewġ *emails* jien iddikjarajt li kont ser nagħmel tajjeb għall-ħlas dovut lil Miksons minn 'Titu'. Ngħid li dawn l-emails jien bagħatthom fid-dawl tal-fatt illi kont irċevejt mingħand 'Titu' *scanned copies* tal-*application for fund transfer* li permezz tagħhom kellhom jitħallsu l-Miksons għal din il-konsenja partikolari, u għalhekk kellli f'moħħi illi xi darba jew oħra dan il-ħlas, il-Miksons kienu ser jirċevuh. Jien qatt ma ridt nagħti l-impressjoni illi l-pagamenti lil Miksons kont ser inwettaqhom jien. Nippuntwalizza wkoll illi fl-ebda waqt tul iż-żmien kollu li sar negozju bejn 'Titu' u Miksons, qatt ma ġie mwettaq ħlas lil Miksons mingħandi direttament. Għalhekk jien insostni li m'għandix ninżamm responsabbli għall-ħlasijiet dovuti minn 'Titu' lil Miksons."

Il-konvenut ippreżenta kopja ta' *email* skambjata bejn Frank Zammit u 'Titu'[8] wara r-raba' inkarigu meta diġà kien hemm problemi bil-pagamenti, fejn Zammit kien ikkonferma lil 'Titu' li kien lest li jibqa' jfornih bis-servizzi tiegħu. Tul ir-relazzjoni kollha bejn Miksons Transport u 'Titu', is-sistema li tħaddmet dejjem kienet li Miksons Transport jipprovdu s-servizz u 'Titu' jħallashom hekk kif jirċievi l-*bill of lading*.

Fl-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2016 sar il-kontroeżami ta' Frankie Zammit[9], fejn intalab jikkonferma jekk meta ntalab ir-rati għas-servizzi pprestati minnu, dawn ġewx ikkomunikati ma' 'Titu' barra minn Malta. Ix-xhud qal li r-rati ġew iffissati skont l-ordni ta' Anthony Stivala, iżda għal din l-*email* bir-rati, hu rċieva risposta mingħand 'Titu'. Ix-xhud reġa' kkonferma li bl-ewwel tliet inkarigi li nħadmu ma kien hemm l-ebda problemi u l-problemi bdew wara r-raba' inkarigu, minħabba li l-pagament kien tardiv. Hu qal li meta feġġew l-ewwel problemi ma' 'Titu' hu ried li s-soċjetajiet attriċi jieqfu milli jkomplu jfornuh bis-servizzi tagħhom, iżda komplew wara li Anthony Stivala kien wegħedhom li ser jagħmel tajjeb hu f'każ li 'Titu' ma jħallashomx.

---

[8] *A fol.* 73.

[9] *A fol.* 97 sa 99.

Ix-xhud allega li d-dokumenti li jinsabu esebiti *a fol.* 75 u 76 tal-atti huma foloz, u dan minħabba li l-flus ma ġewx irċevuti. Hu qal li bħala kumpannija suppost li huma kienu jirċievu l-flus hekk kif jitlaq il-*bill of lading*, u fi żmien erbgħa u għoxrin jew tmienja u erbgħin siegħa, il-flus jidħlu l-bank.

Ix-xhud Frank Zammit kompla jixhed fl-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2017[10], fejn ikkonferma li l-arranġament li kellu ma' Tishtom Alcosteel Recycling Co. Ltd, kien li l-flus jiġu ttrasferiti permezz ta' *wire transfer.* Hu reġa' kkonferma li bl-ewwel tliet inkarigi ma kienx hemm problemi, u li l-problemi nqalgħu wara r-raba' inkarigu fejn kien hemm tul ta' żmien biex huma jitħallsu. Hu qal li wara li kien hemm il-problemi bil-pagament għar-raba' inkarigu, hu ma riedx li s-soċjetajiet atturi jibqgħu jfornu s-servizzi tagħhom lil 'Titu', u reġgħu għamlu dan minħabba li Stivala, li kienu jieħdu l-ordnijiet mingħandu, assigurahom li ser jitħallsu.

Mitlub jikkonferma waqt il-kontroeżami li sarlu[11], Anthony Stivala jgħid li kien 'Titu' li ntroduċieh għan-negozju tar-riċiklaġġ. Il-konvenut spjega li hu u 'Titu' kellhom relazzjoni tajba bejniethom, u li bejniethom qatt ma kien hemm kwistjonijiet dwar flus. Hu ddeċieda li jgħinu wara li kien ilu jaf lil 'Titu' għal xi żmien. Minkejja li kien bena fiduċja f'dan 'Titu', il-konvenut ikkonferma li llum il-ġurnata l-partijiet m'għandhom l-ebda komunikazzjoni bejniethom, u li hu lanqas biss jaf fejn hu dan 'Titu'. Hu spjega li anki l-kuntatt li kellu mal-linji tas-*shipping* il-kbar qata', u lanqas huma ma jafu jekk 'Titu' għadux jopera u minn fejn. Is-sitwazzjoni hi tali li 'Titu' filli kien jimporta mat-tmenin *container* fix-xahar lejn pajjiżu, filli dan donnu għeb mix-xena, tant li Anthony Stivala

[10] *A fol.* 113 sa 115.
[11] Fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2017.

kkonferma li rċieva telefonata dwar dan minn CMA/CGM sabiex jistaqsuh jekk jafx 'Titu' xi ġralu. Il-konvenut ikkonferma li kien sorpriż ħafna b'dan li ġara.

Il-konvenut spjega kif minkejja dak li ġara wara r-raba' konsenja li l-pagament għaliha kien tardiv, Miksons Transport mhux vera li kienu ddeċidew li jwaqqfu kull negozju li kellhom ma' 'Titu'. Huma kellhom ukoll mezzi ta' komunikazzjoni diretta miegħu, u ma kellhomx għalfejn jinvolvu lilu biex jintervjeni bejnhom u t-Tajlandiż. Mitlub jikkonferma, il-konvenut wieġeb li hu ma kellu l-ebda interess partikolari li Miksons jibqgħu jieħdu x-xogħol huma, għaliex hu seta' jaħdem ma' diversi burdnara oħrajn. Qal ukoll li hu qatt ma rċieva ħlasijiet mingħand Miksons, u li l-uniku interess li kellu kien li 'Titu' jibqa' jikri l-post mingħandu, u li jibqa' jagħtih il-*commission* għas-servizzi tiegħu. Hu kkonferma li għal kull konsenja li kien jibgħat lil 'Titu' hu kien jirċievi €500 kull darba.

Il-konvenut Anthony Stivala kkonferma li hemm proċeduri ġudizzjarji istitwiti minn terzi fil-konfront ta' dan 'Titu' u li hu ġieli deher sabiex jirrappreżenta l-interessi tiegħu f'dawn il-proċeduri. Madanakollu ma kienx jaf iwieġeb jekk hu kellux prokura sabiex jidher f'isem 'Titu' jew le.

Il-Qorti tirrileva li filwaqt li d-difensuri tal-atturi wiegħdu li ser jippreżentaw prova li l-konvenut kellu prokura ta' 'Titu' billi jippreżentaw kopja tagħha f'dawn il-proċeduri, tali prova baqgħet ma ġietx ippreżentata.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Il-kwistjoni kollha li għandha quddiemha din il-Qorti, tippernja madwar il-grad ta' involviment li kellu l-konvenut Anthony Stivala personalment u *tramite* s-soċjetà konvenuta, fir-rigward tan-negozju tat-Tajlandiż Ratandra Barbua magħruf bħala 'Titu' u jekk Stivala *pro et nomine* kellux xi obbligu li jagħmel tajjeb għal xi ħlasijiet dovuti lill-atturi. Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-partijiet ma qablux bejniethom dwar il-grad ta' involviment li kellu l-konvenut fin-negozju ġestit mit-Tajlandiż 'Titu' permezz tas-soċjetà Tishtom Alcosteel Recycling Co. Ltd, hemm qbil dwar il-fatt li l-konvenut Stivala kien liċenzjat bħala *waste broker,* u li bħala tali dan kien jieħu ħsieb jipprokura l-materjal li kien destinat għal 'Titu' li għandu jew kellu negozju marbut mar-riċiklaġġ tal-iskart, liema skart hu kien jixtri minn diversi postijiet madwar id-dinja.

Il-Qorti rinfaċċjata minn verżjonijiet konfliġġenti, jekk mhux xi drabi opposti għal xulxin, trid tapplika s-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet li huma suffiċjenti f'kawża ta' din ix-xorta biex il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha. Ġurisprudenza dwar il-mod li bih il-Qorti għandha timxi f'każijiet fejn hemm xhieda konfliġġenti, hi pjuttost kopjuża. Hekk pereżempju, f'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[12]:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu

[12] P.A., 30.10.2003.

> huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd**[13] irriteniet illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma sufficjenti f'kawża ċivili."

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs.* William Rizzo et**[14], il-Qorti stabbiliet hekk:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. **Anthony Camilleri *vs.* Maurice Cauchi et** - 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra però mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola *"in dubio pro reo"*. Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad *"tot homines tot sentetiae"*, u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti *"bona fide"* fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perijodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha

[13] Q.A., 06.05.2011.
[14] P.A., 28.04.2004.

teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna** ***vs.*** **Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio)*, sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara Vol. XLVI, P.i, p.5.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara Vol. XXXVII, P.i, p.577;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix

disturbata minn Qorti ta' reviżjoni - Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal noe *vs.* Jessie Blanco** - App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Illi hekk illustrati dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali, il-Qorti hija tal-fehma li minkejja l-varjazzjonijiet fix-xhieda mogħtija, hemm konvinċiment min-naħa tagħha, u dan wara li semgħet dak li kellhom xi jgħidu l-partijiet, li l-partijiet huma vittmi taċ-ċirkostanzi sfortunati jew malinni li 'Titu' tefagħhom fihom meta naqas li jonora l-obbligi tiegħu ta' ħlas wara l-ħames kunsinna li ntbagħtet lilu fit-Tajlandja. Minn dak li semgħet il-Qorti, jidher li d-dannu għas-soċjetajiet attriċi kien ferm akbar minn dak li sofrew il-konvenuti, li ma kellhomx jieħdu somom daqstant kbar mingħand is-soċjetà Tajlandiża li tefgħethom ilkoll f'sitwazzjoni fejn kellhom jiġu quddiem il-Qorti għal rimedju.

Anthony Stivala kkonferma quddiem il-Qorti li xogħlu kien li jissorvelja l-proċess tal-offerta għax-xiri tal-materjal intenzjonat għar-riċiklaġġ, li jsegwi l-materjal li jkun ser jinxtara u li jassigura li dan jitwassal fid-destinazzjoni tiegħu anki billi jsegwi l-*bill of lading* u dokumenti relatati. L-atturi jallegaw li l-involviment tiegħu ma kienx sempliċiment ta' *broker* iżda ta' xi ħadd li jieħu interess personali fin-negozju, tant li ġieli mar hu personalment fl-uffiċċji tagħhom sabiex jassigura rati tajbin għat-trasport tal-materjal, u kien jirċievi l-komunikazzjonijiet kollha li kienu jsiru bejn is-soċjetajiet attriċi u t-Tajlandiż 'Titu'. L-atturi allegaw li dan it-tip ta' involviment jindika li bejn il-konvenuti u 'Titu' kien hemm relazzjoni li kienet profonda ferm aktar minn waħda sempliċiment ibbażata fuq *brokerage.* Madanakollu l-atturi kkonfermaw li l-*invoices* min-naħa tagħhom dejjem intbagħtu lil 'Titu' u li l-pagamenti dejjem kienu jirċevuhom direttament mingħandu. L-atturi jikkontendu li Stivala personalment ipprova jassigura rati ta' trasport vantaġġużi għal 'Titu' li fdah

biex ikun *broker* tiegħu f'Malta, mentri Stivala nnifsu ċaħad li hu qatt kellu x'jaqsam mal-arranġamenti għat-trasportazzjoni tal-materjal jew li b'xi mod hu intervjena mal-aġenziji tat-trasport. Il-konvenut Stivala saħansitra allega li l-involviment ta' Miksons Transport Company Limited ma' 'Titu' kien jirrisali lura għal numru ta' snin, u li meta daħal fix-xena hu, il-partijiet kienu ilhom jagħmlu negozju flimkien għal numru ta' snin. Il-Qorti tosserva wkoll li l-atturi kkonfermaw, li anki jekk l-*email* li ntbagħtet minn Miksons bir-rati għat-trasportazzjoni tal-materjal ġiet ikkupjata lil Stivala, finalment din ġiet imwieġba minn 'Titu'. Dan il-fatt ikkunsidrat flimkien mal-fatt li l-ħlasijiet għas-servizz li kienu joffru l-atturi kienu jsiru minn 'Titu', u l-*invoices* kienu jinħarġu lilu, jagħti kredibbilità kbira lit-teżi tal-konvenut li hu, bħall-atturi wara kollox, kien involut ma' 'Titu' biss bħala waħda mill-ħoloq fil-katina ta' persuni li permezz tagħhom in-negozju ta' 'Titu' seta' jkompli għaddej. Bħall-atturi, il-konvenut u s-soċjetà konvenuta, kienu qegħdin jipprestaw servizzi lis-soċjetà Tajlandiża, tant li wara l-ħames kunsinna li saret, li għaliha s-soċjetajiet attriċi jgħidu li ma tħallsux, il-konvenut ukoll baqa' ma tħallasx il-*commission* dovuta lilu.

L-atturi in sostenn tat-talba tagħhom li l-ammont dovut lilhom għandu jitħallas mill-konvenut *pro et nomine*, jgħidu li dan min-naħa tiegħu kien iggarantixxa l-ħlas tal-flus dovuti kemm verbalment, waqt laqgħa li kien preżenti għaliha Frank Zammit, kif ukoll bil-mod skritt, permezz ta' *email* li fiha huwa tahom x'jifhmu li kien sejjer jagħmel tajjeb hu jekk 'Titu' jonqos milli jonora l-obbligu tiegħu. L-*email* inkwistjoni ġiet ippreżentata fl-atti ta' din il-kawża[15], u waqt li wieħed jista' jinterpreta dak miktub fiha bħala li Stivala kien

[15] *A fol.* 49.

qiegħed juri kunfidenza żejda li l-ħlas da parti tat-Tajlandiż kien ser isir, madanakollu l-Qorti trid tippreċiża li garanzija[16], sabiex titqies li hi valida, għandha tirriżulta jew minn att pubbliku, jew minn kitba privata, u dan taħt piena ta' nullità.[17]

Din il-Qorti diversament preseduta, iddeskriviet dan ir-rekwiżit b'dan il-mod, f'deċiżjoni fl-ismijiet **E. Grech Cristal Bath Ltd *vs.* Grezzju Patiniott**[18]:

> "Ir-rikjesta għall-kitba fl-artikolu 1233 mhix waħda ta' prova, iżda hija meħtieġa għall-validità tal-ftehim. Il-kitba mhix rikjesta *'ad probationem tantum'* iżda *'ad validitatem'* u mingħajr il-kitba m'hemmx kunsens. Dik il-forma, illum, tista' tkun solenni permezz ta' att pubbliku jew b'forma anqas solenni, permezz tal-kitba jew permezz ta' mezzi elettroniċi.
>
> Meta l-liġi tirrikjedi l-forma tal-kitba, dan tkun tridu għall-validità tal-kunsens, u mhux bħala mezz ta' prova tal-kunsens. Il-kunsens biex jeżistu u jkun validu, ma jeħtieġx biss li jkun manifestat, iżda jeħtieġ li jkun manifestat kif trid il-liġi."

Il-Qorti, fid-dawl tad-dispost tal-liġi, u tal-insenjament iċċitat, hi konvinta li l-konvenut ma ta ebda garanzija lill-atturi fis-sens kif mifhum fil-liġi, mhux biss għax kliemu ma jistax jiġi interpretat li ta xi garanzija, imma *al più* kien qiegħed jipprova jiffaċilita n-negozju u jipprova jgħin kif jista' biex isir il-ħlas minn 'Titu'. Fi kwalunkwe każ ma kien hemm ebda garanzija *stante* li la kien hemm att pubbliku u lanqas ma kien hemm skrittura privata ffirmata mill-partijiet f'dan is-sens. Fil-kawża fl-ismijiet **Gerald Vella et *vs.* Av. Dottor Joseph Cassar et noe**[19], il-Qorti kienet qalet hekk:

---

[16] Dik li skont l-artikolu 1925 tal-Kodiċi Ċivili hi deskritta bħala "kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditu li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu."

[17] L-artikolu 1233 (1) tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi: "Bla ħsara tal-każijiet li fihom il-liġi, espressament, tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taħt piena ta' nullità: (ċ) il-garanziji." Di più l-artikolu 1929 tal-Kap. 16 jistipula li "il-garanzija ma tistax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa."

[18] P.A., 20.03.2003.

[19] 24.04.1967.

"L-ewwel rekwiżit ta' skrittura privata u dak l-aktar ovvju skont il-liġi tagħna, hu l-firma ta' kull waħda mill-partijiet għall-konvenzjoni stipulata biha."

Meta l-iskrittura privata ma tkunx iffirmata miż-żewġ partijiet kontraenti, hemm ir-rikjest li din tkun awtentikata, bil-mod preskritt fl-artikolu 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. F'sentenza oħra, din id-darba tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carmelo Farrugia u Longinu Farrugia *vs.* Peter Farrugia[20],** il-Qorti qalet illi:

"Meta tintuża l-forma ta' skrittura privata, din tinħtieġ li ssir kif preskritt fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 1277 tal-Kodiċi Ċivili. Dokument li fih ma jiġux osservati dawk ir-rekwiżiti mhux skrittura privata. ... u jekk il-kuntratt hu wieħed minn dawk li għalihom dik il-firma hi rikjesta, dak il-kuntratt hu null ... Meta l-liġi hi ċara u espliċita kif inhi l-liġi tagħna fuq dan il-punt, ma jistax ikunu utili soluzzjonijiet konfliġġenti propunjati minn dottrina li tikkummenta jew deċiżjonijiet ta' qrati li japplikaw liġijiet barranin li għandhom dispożizzjonijiet differenti."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Spiteri vs. Sammut**[21], din il-Qorti diversament preseduta kkonfermat ukoll li,

"Jekk skrittura privata ma tiġix iffirmata minn idejn kull wieħed mill-partijiet jew ma tirriżultax l-awtentikazzjoni ta' xi firem kif trid il-liġi din ma għandha l-ebda validità legali (Vol. XXXIII P III p. 504; Vol. XLVIII P II p. 826). Skont Laurent, (Principi di Diritto Civile, p. 196) *"l'atto è uno scritto redatto per constatare un fatto giuridico; ora è la sottoscrizione che certifica ciò che le parti constatano; non vi è dunque atto senza firma."* Dan il-prinċipju hu konkordanti fil-ġurisprudenza tagħna li rriteniet li l-iskrittura għandha tkun iffirmata miż-żewġ partijiet jew awtentikata kif trid il-liġi għax diversament ikun hemm in-nullità tal-konvenzjoni."

[20] Q.A., 06.07.2007.
[21] P.A., 02.07.2003.

Minn dawn l-insenjamenti, jirriżulta li anki jekk Stivala wera ċerta kunfidenza żejda li t-terz kien ser iħallas lill-partijiet għas-servizzi pprestati lilu, madanakollu la dak illi qal, la dak li kiteb u lanqas il-forma li bih ġiet ikkomunikata l-fehma tal-konvenut Stivala li l-ħlas kienu ser jirċevuh żgur, ma jammontaw għall-għoti ta' garanzija da parti tiegħu fil-forma preskritta mil-liġi, u għaldaqstant it-talbiet tal-atturi ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tal-konvenuti.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha mogħtija mill-konvenuti;**

2. **Tiċħad it-talbiet attriċi, u tikkundanna lill-atturi jħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.**

Moqrija.